# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 05

Data tal-laqgħa: 22 ta' Ottubru, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru 2024 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**05/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**05/01/01** Ma kienx hemm.

**05/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta' Raba' Laqgħa**

**05/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**05/02/02** **Para 04/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-resident li joqgħod fi Triq Ferdinand irid iġib permess mis-sid ta' faċċata biex teħel il-mera.

**05/02/03** **Para 04/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-vleġeġ mar-*roundabout* iċ-ċatta ta' Triq Caravaggio saru.

**05/02/04** **Para 04/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sindku talbet l-għajnuna ta' Reġjun Lvant biex isir *Impact Assessment* madwar il-Għargħur kollu.

**05/02/05** **Para 04/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv informat lir-resident li fi Triq D. Farrugia fejn hemm il-barumbara l-art hija privata għaldaqstant ir-*rack* ta' roti ma tistax titqiegħed hemm.

**05/02/06** **Para 04/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-manutenzjoni ta' *telephone box* ser inġibu stima. Imbagħad ħa nippruvaw napplikaw mal-Gal Majjistral għal fondi. Is-Sa. Meli qalet li ħa nippruvaw noħolqu proġett.

**05/02/07** **Para 04/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat it-3m *double yellow line* fi sqaq fi Triq l-Indipendenza. Is-Sur Fenech saqsa għalfejn ma sarx dritt u s-Sindku qalet li ma

setax isir aħjar minħabba l-stat ta' triq u li kemm hi kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti.

**05/02/08** **Para 04/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna ma' Dipartiment ta' Xogħlijiet Pubbliċi biex isir parti mill-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Dun Gio Batta Chetcuti.

**05/02/09** **Para 04/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġabet kwotazzjoni għall-bozoz solari mingħand il-Micamed Ltd (€259.60). Is-Sa. Meli issuġġeriet li nsaqsuhom jekk nordnaw tnejn jagħtuniex prezz aħjar biex filkas isir waħda fi Sqaq il-Qiegħed u waħda fi Sqaq iċ-Ċawl. Kien hemm qbil unanimu.

**05/02/10** **Para 04/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta trid il-kunsens tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar biex japprovaw t-tabelli ta' *no-entry* bejn 6:30am – 9:00am fejn hemm 'Merħba Għargħur' għal karozzi li jgħaddu minn Triq John Adye u jidħlu minn ġol-Għargħur. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ser tagħmel laqgħa bejn il-Kunsill Lokali tan-Naxxar u l-Kunsill Lokali tal-Għargħur. Is-Sindku qalet li kif ikollna d-data u ħin ħa tinforma lill-membri tal-Kunsill.

**05/02/11** **Para 04/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta trid tapprova s-*sleeping police* ta' Triq l-Indipendenza.

**05/02/12** **Para 04/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-siġra li kienet qed timblokka l-bankina fi Triq Caravaggio (qrib il-*bus stop* Vendome) inżabret.

**05/02/13** **Para 04/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Ministru għat-Turiżmu tagħna 6 *bins*. Is-Sindku qalet li dawn il-*bins* vera sbieħ u tajbin. Is-Sindku qalet li biex dawn jeħlu mal-art għandna bżonn nixtru ftit għodda. Din l-għodda ħa tibqa' għandna. Is-Sa. Meli qalet li jistgħu jibqgħu jintużaw. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-Sa. Meli talbet li nitkellmu mal-McDonald's biex inkomplu nżidu l-*bins*. Is-Sindku qalet li l-ewwel li ser jinbidlu huma tal-Ġnien tal-Ponta. Is-Sur Fenech issuġġerixxa li jsir inventarju tal-għodda. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku qalet li ħaddiema jridu jibdew jiffirmaw kull darba li jieħdu xi għodda biex jaħdmu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sabet *bye-law* simili u ser taqsamha mal-membri tal-Kunsill.

**05/02/14** **Para 04/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat il-Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq San Bartilmew. Is-Sa. Attard staqsiet fejn ser jiġi eżatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li viċin tal-KOZA Dumplings. Is-Sa. Meli qalet li huma kienu qablu li ssir Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq San Bartilmew li tkun viċin tal-pjazza. Is-Sa. Attard qalet li tista' tiġi iktar viċin tal-berġa. Is-Sindku qalet li hemmhekk diġà hemm il-*Keep Clear*. Is-Sa. Attard spjegat li fuq il-*Keep Clear* ma jistgħux jipparkjaw u li hemm bżonn infurzar fuq il-*Communal Reserved Parking Bay* tal-Pjazza. Is-Sa. Meli qalet li qed jiġu fuqha nies li għandhom bżonn il-*Communal Reserved Parking Bay* biex imorru l-quddies għax ma jsibux fejn jipparkjaw. Is-Sindku qalet li din għalhekk ħa ssir. Is-Sa. Meli staqsiet jekk tistax issir waħda iktar l-isfel u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li trid issir applikazzjoni imma l-problema li ser tkompli tnaqqas il-parkeġġ. Is-Sa. Attard qalet li hi taqbel li tinżel iktar l-isfel. Is-Sur Fenech qal li nies jistgħu jipparkjaw fuq il-*Keep Clear* wara l-ħin tal-iskola. Is-Sa. Attard qalet li hi qed tissuġġerixxi li *Communal Reserved Parking Bay* tinżel żewġ parking bays l-isfel. Is-Sindku qalet li min vera għandu bżonnha din il-*Communal Reserved Parking Bay* se tgħin. Barra minn hekk jekk ser jinbidel il-post trid issir applikazzjoni ġdida. Is-Sa. Attard qalet li jekk tinżel ftit l-isfel l-pjazza xorta ser tintlaħħaq u qalet li persuna bil-*wheelchair* mhux ser twaqqafha Triq San Bartilmew. Is-Sindku qalet li l-maġġoranza ma jmorrux bil-*wheelchair* il-knisja imma bil-*walker*. Is-Sa. Attard qalet li hu min hu ser iħalli l-persuna bi bżonnijiet speċjali fejn il-knisja u jmur jipparkja fi Triq San Bartilmew u jimxi erba' passi. Is-Sindku qalet li għaliha ssir fejn ġiet approvata. Is-Sa. Meli staqsiet x'jiġri jekk jitħlu iktar talbiet għal Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq San Bartilmew. Is-Sa. Attard qalet li ma hemmx fejn tiġi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biżżejjed Communal Reserved Parking Bay waħda f'dik it-triq. Is-Sa. Attard qalet li kien għaliha tippreferi tagħmel waħda iktar

ċentralizzata. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lill-membri tal-Kunsill jekk jaqblux li ssir fejn ġiet approvata. Is-Sa. Attard qalet li ma taqbilx, is-Sindku qalet li taqbel, is-Sa. Hassan u s-Sur Fenech ma jsibux oġġezzjoni, is-Sa. Meli qalet li hi bl-iskop li tellajniha taqbel. Is-Sa. Attard spjegat li tridu tiftakru li jista' japplika xi ħaddieħor fil-futur. Is-Sa. Meli staqsiet x'jiġri f'każ li xi ħadd japplika għal Personalized Reserved Parking Bay. Is-Sindku qalet li qabel kienu jagħtuhom imma mhix ċerta għax bħalissa waqfu kollox. Is-Sindku qalet li fi Triq Mons. Luigi Catania hemm xi tlieta jew erbgħa ħdejn xulxin. Is-Sa. Meli qalet li aħna mhux ħa nimpattaw lir-residenti li jridu japplikaw għal *Personalized Reserved Parking Bays* u min irid juża l-*Communal Reserved Parking Bay* jista' juża' din. Is-Sa. Attard qalet skont Transport Malta suppost ikun hemm distanza bejn waħda u oħra. Is-Sindku qalet li dik spiċċat. Is-Sa. Hassan qalet li jista' jkun hemm *Personalized Reserved Parking Bay* ħdejn xulxin. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-maġġoranza tal-Kunsilliera qablu li Communal Reserved Parking Bay ssir viċin tal-KOZA Dumplings.

**05/02/15** **Para 04/02/24:** Is-Sa. Attard qalet li saret attività soċjali fi 8 t'Ottubru kien hemm xi 37 ruħ. Bħala spejjeż ma tantx kien hemm. L-ikbar spiża kienet l-ikel. Min-naħa ta' Sotto Kumitat Qasam Soċjali qed jipprovaw li l-ispejjeż ikunu baxxi kemm jista' jkun. Kien hemm ukoll il-laqgħa tas-Sotto Kumitat Qasam Soċjali fejn iddiskutew li ħa jsir Buffett Breakfast ġewwa s-Sorreda. Is-Sa. Attard qalet li kien hemm żmien li t-trasport kien jiġi sponsorjat mill-kunsill. Is-Sa. Attard qalet li hi qed tissuġġerixxi li jerġa' jibda jsir hekk. Peress li l-Buffett Breakfast €12/kull wieħed. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ispiża ta' transport meta tinqasam bejn kulħadd tiġi madwar €1.5/kull wieħed. Is-Sa. Hassan qalet li dejjem hekk għamilna. Is-Sa. Meli qalet li triq 'il quddiem hi li jkollna l-*quarterly financial reports* u li jsir reviżjoni tal-*budget*. Is-Sa. Attard qalet li qabel is-Sotto Kumitat Qasam Soċjali kellu budget ta' €1k. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-*budget* tas-sena d-dieħla irid ikun hemm *budget* għaż-żewġ sotto kumitati. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għal Accountant ħarġet illum. Is-Sa. Meli saqsiet liema kien l-aħħar *Quarterly Financial Report* u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Quarterly Financial Report* (Jannar – Marzu 2024). Is-Sa. Meli qalet li fuq il-*website* hemm sal-*Quarterly Financial Report* 1 tal-2023. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min-naħa tagħha uploadjat kollox fuq il-*website* imma xorta waħda ħa tiċċekkja. Is-Sa. Meli qalet li kemm l-Aġendi kif ukoll il-Minuti qegħdin fuq il-*website* kif suppost.

**05/02/16** **Para 04/02/25:** Is-Sa. Attard qalet li għadhom ma sarux laqgħat tas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Attivitajiet.

**05/02/17** **Para 04/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-persuna li bħalissa qed juża Semaphore Tower applika bħal VO. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalissa kollox ħa jibqa' l-istess u li offrejna lil Community Policing Team biex jużaw il-garaxx bħala *hub* minn fejn joperaw. Is-Sa. Meli qalet li aħjar nibqgħu newtrali ma' kulħadd. Is-Sindku qalet li ma aħna nikkommettu ruħna ma' ħadd.

**05/02/18** **Para 04/02/27:** Is-Sa. Hassan qalet li qed tistenna aġġornament mingħand il-Kunsill Reġjonali Lvant rigward l-attività tal-'Four Seasons In One Day' (craft session) li ħa ssir nhar is-Sibt, 2 ta' Novembru fl-10:00am ġewwa s-Sala tal-Kunsill.

**05/02/19** **Para 04/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiema tal-Cleansing ġew jaħslu t-toroq imma lanqas infurmawna. Is-Sindku qalet li rathom b'kumbinazzjoni. Is-Sa. Meli qalet li issa ġejja x-xitwa imma is-sena d-dieħla irid isir pjan għax il-ħasil tat-toroq pjuttost għoli.

**05/02/20** **Para 04/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew ir-riżultat tal-applikazzjoni ta' Town Twinning Cultural Educational Programme.

**05/02/21** **Para 04/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li European Week of Sports kienet suċċess. Is-Sa. Meli qalet li hija waħda mill-inizjattivi maltin li ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni Ewropea waħda mill-best practices tal-BELC u li unur għal Kunsill li wasalna sa hemm. Is-Sa. Meli tat rendikont peress li fi *schedule of payment* hemm biss l-ispejjeż. Kellna lil Stephan Demicoli li għamel ir-*risk assessment* tal-*fun run* (€300), l-*Insurance* kemm ta' Sibt kif ukoll tal-Ħadd u l-Lesa tawna skont peress li l-attività saret b'risq Puttinu Cares. Kellna l-*active race results timing*

*systems*. Il-Malta Red Cross u l-Ambulanza. Barra minn hekk kellna s-security (24 siegħa) li kellu joqgħod ma' *sound*. L-ispejjeż jammontaw għal €1837.70 filwaqt li dħul mill-*sponsorships* kien ta' €1600. Jiġifieri, il-Kunsill ħareġ biss €237.70. Is-Sa. Meli qalet li waqt din l-attività nġabru €2053 b'risq Puttinu Cares. Is-Sa. Meli qalet li tixtieq li din l-attività tibqa' ssir kull sena u tkompli tikber u rringrazzjat lill-kulħadd.

**05/02/22** **Para 04/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet sessjonijiet tal-aerobics ta' filgħodu mhux ħa jsiru għax ftit applikaw.

**05/02/23** **Para 04/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar it-tberik tal-Community Clinic.

**05/02/24** **Para 04/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li toqob li kellhom isiru qabel l-festa ma sarux.

**05/02/25** **Para 04/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min-naħa tagħha applowdjat d-dokumenti kollha fuq is-sit uffiċjali.

**05/02/26** **Para 04/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-playing equipment ta' Ġnien il-Paċi sar. Barra minn hekk, bħalissa qed isir ukoll xogħol ta' manutenzjoni. Is-Sa. Meli ssuġġeriet li jkun hemm tabelli b'informazzjoni fuq il-*playing equipment* u s-Sindku kkonfermat li hemm minnhom.

**05/02/27** **Para 04/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero ħa ssir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**05/02/28** **Para 04/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ *zebra crossings* ta' Triq Caravaggio – Triq Dun Salvatore Zarb u oħra mid-dar tal-kavallieri sa faċċata jridu jiġu approvati minn Transport Malta.

**05/02/29** **Para 04/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex isir MC Bay fi Triq Dun Salvatore Zarb irid jiġi approvat minn Transport Malta.

**05/02/30** **Para 04/02/42:** Is-Sa. Meli qalet li l-arblu ta' Triq il-31 ta' Marzu inqala' llum.

**05/02/31** **Para 04/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li infurmat lil Water Services Corporation fuq il-*bollards* ta' Triq San Ġwann.

**05/02/32** **Para 04/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta mingħand is-Sur E. Vassallo fuq it-talba ta' Sur Alfred Cuschieri biex iġedded għal sena oħra.

**05/02/33** **Para 04/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*bollards* illegali li saru fi Triq Santa Katerina minn sid il-barriera tneħħew.

**05/02/34** **Para/04/02/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għaddiet id-dokumenti relatati mal-permess ta' Searchlight Battery. Il-permess twaħħal mal-faċċata ta' Searchlight Battery. Barra minn hekk, talbet laqgħa ma' Sur Bryan Magro.

**05/02/35** **Para/04/02/51:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet is-sejħa għal offerti biex issir Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat fid-dettall il-proċess tal-akkwist.

**05/02/36** **Para 04/02/52:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ tabelli *no-entry* ta' ħdejn il-kazin tal-banda saru.

**05/02/37** **Para 04/02/53:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkellem lil Perit rigward il-*patching* quddiem numru 11 fi Triq F. Żarb li ħa isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**05/02/38** **Para 04/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nġibu *skip* żgħir biex narmu l-imbarazz li hemm fil-kamra ta' ħdejn il-ground tal-football.

**05/02/39** **Para 04/02/56:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fit-13 ta' Novembru ħa tinqata' s-sentenza fuq il-passaġġ fil-konfini ta' bejn in-Naxxar u l-Għargħur. Fil-frattemp l-Avukat għamlet talba għal esproprjazzjoni għal interess pubbliku.

**05/02/40** **Para 04/02/57:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* ta' ħdejn garaxx fi Triq K. Fenech sar.

**05/02/41** **Para 04/02/60:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa nippruvaw napplikaw mal-Gal Majjistral għal fondi għat-tabelli ta' informazzjoni.

**05/02/42** **Para 04/02/62:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħalissa għaddejja kampanja flimkien mal-ħwienet lokali dwar l-indafa wara l-klieb biex noħolqu aktar kuxjenza fost ir-residenti.

**05/02/43** **Para 04/02/63:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li twaħħlu tabelli tal-qanfud top of the world fil-partijiet fejn jgħaddu l-karozzi minħabba li qed jintlaqtu.

**05/02/44** **Para 04/02/64:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet trid issir *public consultation* fuq Triq E. M. Perren. Barra minn hekk, is-Sa. Meli qalet li tlabna stima lil Perit tal-Kunsill biex issir evalwazzjoni tar-raħal kollu.

**05/02/45** **Para 04/02/65:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-parkeġġi ta' Vjal ir-Repubblika għandhom bżonn jiġu irregolarizzati.

**05/02/46** **Para 04/02/71:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġejjin tal-Water Services Corporation minħabba l-ilma tax-xelter. Is-Sa. Attard qalet li dan l-ilma qed ikompli jżid. Is-Sa. Hassan qalet li trid tinstab soluzzjoni fit-tul. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex jitbattal l-ispiża tiġi €250. Is-Sa. Meli qalet li dan l-ilma jista' jerġa' jintuża u bih naħslu toroq tal-madwar. Is-Sur Fenech qal li wara li jitbattal naraw minn fejn ġej l-ilma u qal li viċin hemm ġibja. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/02/47** **Para 04/02/73:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fit-tul iktar vijabbli li tikri milli tixtri *photocopier*.

**05/02/48** **Para 04/02/76:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sena d-dieħla ħa tiġi organizzata attività edukattiva ma' sidien tal-klieb bħal mixja fil-kampanja.

**05/02/49** **Para 04/02/77:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bozza ta' Triq San Ġwann qed tixgħel.

**05/02/50** **Para 04/02/78:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta mingħand Transport Malta fuq il-'junction box' ta' ħdejn ir-roundabout ta' Triq M. Murray, Naxxar.

**05/02/51** **Para 04/02/79:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet l-korrispondenza li rċeviet mingħand is-Sur Navarro rigward il-PA/06545/23 3, Triq Fidiel Zarb k/m Triq il-Ġnien.

**05/02/52** **Para 04/02/80:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvaw ir-*Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders* fi Triq Caravaggio.

**05/02/53** **Para 04/02/84:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa ssir laqgħa ma' tal-Active Ageing Unit rigward il-ftehim.

**05/02/54** **Para 04/02/85:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li resident li biex ikollu mera faċċata ta' dħul / ħruġ tal-garaxx mal-ħajt tal-knisja irid jitlob permess lill-Kappillan.

**05/02/55** **Para 04/02/86:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret tabella fuq arblu 'Tarmix Żibel Hawn' fi Sqaq Charlotte.

**05/02/56** **Para 04/02/88:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta bil-miktub mingħand il-Water Services Corporation biex jikkonfermaw min hu responsabbli mill-fossa ta' Sqaq tal-Ħofra.

**05/02/57** **Para 04/04/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li infurmat lill-Pulizija fuq il-karozza mitluqa fi Triq Santa Katerina ġo għalqa. Is-Sur Fenech qal li l-karozza mitluqa għadha hemm.

**05/02/58** **Para 04/04/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 6 tabelli bil-*printing* fuq pjanċa 'slow pedestrian crossing' għadhom ma sarux.

**05/02/59** **Para 04/04/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser issir laqgħa bejn il-Kunsill u l-Kap tal-iskola primarja.

**05/02/60** **Para 04/04/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont l-ENEMALTA p.l.c l-arbli l-ħodor tal-pjazza iridu jinqalgħu u jridu jagħmlu tiswijja neċessarja u imbagħad jerġgħu jeħlu.

**05/02/61** **Para 04/04/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġardinar żabar is-siġar ta' Xwieki.

**05/02/62** **Para 04/04/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xogħol fuq l-stage ta' Xwieki miexi.

**05/02/63** **Para 04/04/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiema reġgħu poġġew il-pjanti lura fil-pjazza.

**05/02/64** **Para 04/04/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bollard ta' Triq Stiefnu Zerafa għadu ma sarx.

**05/02/65** **Para 04/04/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-petizzjoni fuq l-iżvilupp fl-ODZ. Is-Sa. Meli qalet li suppost saret *press conference* mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Is-Sindku qalet li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar qabad u għamel *press conference* mingħajrna.

**05/02/66** **Para 04/04/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta mhix kontra li jsiru *traffic lights* fi Triq Santa Katerina fil-*junction* tal-Ferħa, imma talbu *vehicle counts* għaldaqstant ħa niġbru l-istimi.

**05/02/67** **Para 04/04/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nies għadhom qed jinkitbu għal attività tal-*bowling*.

**05/02/68** **Para 04/04/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv daħlet ilment mal-ERA rigward il-barriera ta' Triq John Adye għax qed taffettwa s-saħħa tan-nies.

**05/02/69** **Para 04/04/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret attività b'kollaborazzjoni mal-Cleansing biex tqajjem iktar għarfien fuq l-indafa. Is-Sa. Meli qalet li bħala attività intlaqtet tajjeb u qed tipprova li darba fi xahar ikollna żona pedonali u qed taħseb biex fi 17 ta' Novembru jkollna attività oħra. Is-Sa. Meli issuġġeriet li parti mill-pjazza tibda tingħalaq imqar nhar ta' Ħadd darba fi ħmistax mid-9:00a.m. sa 12:00p.m u ma hemmx għalfejn ikun hemm attività. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar inġibu permess minn Transport Malta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**05/02/70** **Para 04/04/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq ir-rapport rigward l-għargħar fi Triq Żagħruna skont il-Perit l-aħjar li jsir *culvert* għaldaqstant ser tkun qed tagħmel kuntatt mad-Dipartiment ta' Xogħlijiet Pubbliċi.

**05/02/71** **Para 04/04/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet talba uffiċċjali lil Infrastructure Malta biex Sqaq Charlotte jiġi bil-cobblestone.

**05/02/72** **Para 04/04/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li laqgħa mal-Malta Public Transport għadha ma saritx.

**05/02/73** **Para 04/04/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiċċekkja mad-Dipartiment ta' Xogħlijiet Pubbliċi jekk jistgħux jagħmlu gradilja fejn hemm il-kanal ta' Triq il-Ġnien.

**05/02/74** **Para 04/04/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadet parir mis-Sur Mario Abela u qal li jista' jsir pipe twil mill-ġibja ta' Ġnien il-Paċi sal-pjazza, imma ssuġġerixxa li nistgħu nużaw il-ġibja tal-pjazza. Is-Sur Fenech qal li l-ġibja tal-pjazza ma żżommx ilma u ma għadx hemmx aċċess. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob stima lis-Sur Abela u nimxu minn hemm.

**05/02/75** **Para 04/04/26:** Is-Sa. Attard qalet li kellha laqgħa ma' aġenzija tal-ivjaġġar u aktarx il-mawra sa Sqallija ħa ssir bejn 22 u 27 t' April.

**05/02/76** **Para 04/04/27:** Is-Sindku qalet li għat-tiżjin ta' toroq għal Milied, MTA ħa tagħtina €3000 u l-Kunsill Reġjonali Lvant ħa jagħtina €3000. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rridu niġbru l-istimi. Is-Sa. Attard ħarġet b'suġġeriment li nagħtu l-fondi lill-għaqdiet u dawn jieħdu ħsieb it-tiżjin ta' toroq. Is-Sur Fenech qal eżempju tal-Armar jarmaw Triq l-Oratorju, tal-Banda jarmaw il-Pjazza u tan-Nar jarmaw x'imkien ieħor. Is-Sindku qalet li aħna rridu naraw li l-livell jibqa' għoli. Barra minn hekk, l-armar irid ikun jaqbel. Is-Sur Fenech qal li ma għandniex nagħtu Triq San Bartilmew lill-għaqdiet. Barra minn hekk, tal-Armar jistgħu jieħdu dawl mill-maħżen filwaqt li tal-Banda jistgħu jieħdu dawl mill-każin imma tan-Nar iridu jaraw huma minn fejn se jieħdu d-dawl. Is-Sa. Meli qalet li l-ewwel irridu niltaqgħu mal-għaqdiet, naraw min hu interessat u nikkonfermaw il-fondi. Min ħa jagħmel ix-xogħol irid jiffirma kuntratt bil-kundizzjonijiet. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/02/77** **Para 04/05/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-maġġoranza tar-residenti ma jridux li ssir *sleeping police* fi Triq San Ġwann.

**05/02/78** **Para 04/05/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella taż-żwiemel fi Triq tal-Ferħa għadha ma saritx.

**05/02/79** **Para 04/05/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà hemm tabelli ta' *no entry* fi Triq il-Kbira. Is-Sa. Meli qalet li hemm bżonn nordnaw tabella ta' *no heavy vehicles*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/02/80** **Para 04/05/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta iridu jkunu jafu fejn qed nitolbu li jiġu l-istrixxi ta' mal-art fi Triq Għar San Brincat. Is-Sindku qalet li jridu jiġu fil-liwja għax meta tkun ix-xita l-art tiġi tiżloq.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**05/02/81** **Para 04/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser issir *site visit* qabel ma jeħel id-*dog bin* ta' Triq l-Indipendenza man-naħa tal-għelieqi.

**05/02/82** **Para 04/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tpoġġiet qasrija ħalli ma jibqgħux ipoġġu żibel mal-ġenb tal-knisja. Is-Sindku qalet li ħadmet. Is-Sa. Meli pproponiet li jitpoġġew iktar qsari mad-dawra tal-monument tal-pjazza. Is-Sur Fenech qal li l-pjanti qegħdin fil-ġnien u ser jerġgħu jitpoġġew lura f'posthom.

**05/02/83** **Para 04/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex jitranġa l-ħajt fi Sqaq iċ-Ċawl ser tagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill u x-xogħol isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**05/02/84** **Para 04/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadna l-qisien tal-culvert miksur ta' Sqaq il-Qiegħed peress li huwa perikoluż.

**05/02/85** **Para 04/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna għal SPI/SCI/7/2024 - Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubblici.

**05/02/86** **Para 04/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-Għargħur ingħata servizz mill-Mobile Dental Unit.

**05/02/87** **Para 04/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *clean-up* li saret b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Lvant kienet suċċess. Is-Sa. Meli qalet li l-ispiża ġiet ħafna (€600). Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nirċievu l-fondi mill-Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa.

**05/02/88** **Para 04/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex isir *double yellow line* quddiem garaxx fi Triq 31 ta' Marzu għandna bżonn il-kunsens tal-persuni kollha li jużaw dan il-garaxx.

**05/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**05/03/01** Is-Sindku resqet talba biex Triq Mons. Luigi Catania (il-biċċa t'isfel) tiġi *one-way* il-ġurnata kollha. Is-Sur Fenech qal li diġà hemm Triq San Bartilmew (il-biċċa t'isfel) *one-way* ukoll. Is-Sindku qalet li l-problema li f'dik it-triq jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat u qed joltqtulhom il-karozzi. Is-Sa. Meli qalet li l-aħjar nistennew li jsir il-pjan ħolistiku qabel ma tittieħed deċiżjoni.

**05/03/02** Is-Sindku qalet li qed jinżel ħafna ilma fil-garaxxijiet ta' Triq in-Naxxar u residenti qed jitolbu li jsir *culvert*. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill u x-xogħol isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**05/03/03** Is-Sindku qalet li Triq il-31 ta' Marzu k/m Triq Caravaggio hemm bżonn li jsir *culvert* għax qed iżomm ħafna ilma. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill u x-xogħol isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**05/03/04** Is-Sindku ssuġġeriet li jitpoġġew plattini taħt il-qsari tal-pjazza. Is-Sur Fenech qal li ma għandniex bżonnhom, l-importanti li ssir tisqija b'mod regolari.

**05/03/05** Is-Sindku qalet li hemm bżonn isir *risk assessment* tal-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/03/06** Is-Sindku spjegat li l-*Christmas Market* tas-sena l-oħra kien suċċess u li *train* ġiet milqugħa tajjeb. Is-Sa. Attard qalet diġà bdiet taħdem fuq din l-attività. L-*stalls* ħa jkunu mad-dawra tal-

pjazza. Barra stalls tal-ikel u xorb ħa jkun hemm ukoll presepji, dekorazzjonijiet fost affarijiet oħra. Is-Sa. Meli ssuġġeriet li noħorġu sejħa għal min irid jarma stall. Il-Kunsill qabel unanimament. L-*stalls* ħa nordnawhom mingħand MTA. Is-Sindku qalet li hemm bżonn issir laqgħa. Is-Sa. Attard spegat li l-attività ħa ssir fi 7 ta' Diċembru tibda f'xi 6:45p.m. u tispiċċa 11:30p.m. Is-Sa. Attard qalet li bħalissa qed tiġbor l-informazzjoni u wara ħa ssir laqgħa apparti. Is-Sa. Meli qalet li aktarx ħa jsir *fundraising* għal xi fondazzjoni. Ħa jkun hemm ukoll *kids area*. Is-Sindku qalet li nistgħu nġibu stima wkoll mill-Big Friends Guggen Musik għax jagħtu spettaklu. Is-Sindku qalet li tal-Community Service – Mosta, Naxxar, Għargħur iridu stall ukoll.

**05/03/07** Is-Sindku qalet li qabel l-elezzjoni kien sar *Movie Night* għaż-żgħażagħ flimkien mal-Community Service – Mosta, Naxxar, Għargħur. Dawn lesti li jorganizzaw attivitajiet oħra imma għandhom bżonn numru ta' voluntiera. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**05/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**05/04/01** Is-Sa. Meli qalet li ħa ssir *clean-up* nhar il-Ħadd mit-3:00p.m. sal-5.00p.m. u ħa jiltaqgħu ħdejn il-Madonna tal-Ġebla l-Kbira. Din l-attività ħa ssir b'kollaborazzjoni ma' Project Green kulħadd huwa mistieden. Is-Sa. Meli qalet li tixtieq torganizza *clean-up* oħra f'Diċembru jew f'Jannar u irnexxielha ġġib *sponsorship* mingħand Playmobile u b'hekk forsi inħajru iktar familji bit-tfal.

**05/04/02** Is-Sa. Meli qed tippjana wkoll li ssir *Hike Day* f'Novembru. Ser tkun qed tipprovdi iktar informazzjoni.

**05/04/03** Is-Sa. Meli talbet li nistaqsu lil tal-Mobile Dental Unit jistgħux jiġu xi darba wara nofsinhar.

**05/04/04** Is-Sa. Meli qed tippjana laqgħa mal-Marigold Foundation sabiex dawn jipprovdu taħdita ta' tliet kwarti dwar it-tipi differenti ta' kanċers li jeżistu. Bħalissa qeda tistenna li tirċievi l-poster.

**05/04/05** Is-Sa. Meli qed iżżomm laqgħat kontinwi mal-*stakeholders* tal-sports biex tkompli ssaħħaħ l-isport fil-komunità.

**05/04/06** Is-Sa. Meli qalet li bagħtet talba li CEO tal-Primary HealthCare biex niltaqgħu magħhom sabiex joffru iktar servizz ta' GP. Is-Sindku qalet kieku jistgħu jieħdu demm ukoll. Is-Sa. Meli qalet li *pressure testing machine* kienet disponibbli meta nfetħet il-berġa imma ma issa għadhiex. Il-*Podologist* u *Diabetics Service* mhux dejjem qed ikunu hemm. Is-Sindku qalet li l-*Podologist* ikun hemm kull nhar ta' Erbgħa. Is-Sa. Meli qalet li din l-informazzjoni li tawha residenti.

**05/04/07** Is-Sa. Meli qalet li saret laqgħa ma' Sa. Axisa minn Transport Malta, bażikament hemm żewġ miżuri, waħda *safer cycling initiative* li tolqot it-tfal u l-adoloxxenti u l-oħra *road safety for elderly initiative*. Is-Sa. Meli qed tipproponi li ssir laqgħa bejn il-Kunsill, Transport Malta u l-iskola fuq l-ewwel miżura. Filwaqt li fuq it-tieni miżura nistgħu ningħaqdu ma' ta' Day Care Centre. Kien hemm qbil unanimu.

**05/04/08** Is-Sa. Meli pproponiet li jsir parkeġġ quddiem il-Kunsill Lokali għal min għandu bżonn xi servizz. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hawn problema kbira ta' nuqqas ta' parkeġġ.

**05/04/09** Is-Sa. Meli resqet proposta biex in-*notice boards* ikunu AI generated. Ġie deċiż li napplikaw

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

mal-Gal Majjistral għal fondi.

**05/04/10** Is-Sa. Meli talbet informazzjoni kif bqajna fuq il-garanzija ta' Triq San Ġwann. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kelmet l-Enforcement Officer ta' Transport Malta u kkonferma li l-garanzija għadha valida.

**05/04/11** Is-Sa. Meli pproponiet li s-Sur Neil Agius li huwa resident il-Għargħur jieħu rikonoxximent. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet Kunsill diġà tah rikonoxximent.

**05/04/12** Is-Sa. Meli pproponiet li jsir *Communal Reserved Parking Bay* fi Triq Caravaggio. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà hemm. Barra minn hekk, ir-residenta qalet li hemm tabella li qeda tostakola l-gallarija tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinforma lil Transport Malta.

**05/04/13** Is-Sa. Meli qalet li ħadet ħsieb l-*sponsors* għal attività tal-*Halloween* u ser tagħti rendikont fil-laqgħa li jmiss. Min ser jidħol fi xelter irid iħallas *entrance fee* ta' €2. Ser ikun hemm *cupcakes decoration*. Triq Mons L. Catania minn fejn Cent Anni u minn fejn il-monument kif ukoll Triq Ferdinand ser ikunu magħluqa. Tqassam avviż bieb bieb biex ir-residenti tal-akkwati jkunu infurmati. Is-Sindku qalet li ser inqassmu karta li tfal tal-iskola. Is-Sa. Attard qalet li sabet 12 -il volontier fejn ser jieħdu sehem fix-xelter u ser ikun hemm numru ta' *props*. Is-Sa. Meli qalet li tixtieq tirringrazzja lill-volontiera kif ukoll dawk li qed jipprovdu l-affarijiet. Is-Sur Fenech qal li għandna manikini jekk iridu jużawhom. Is-Sa. Meli qalet li ser ikun hemm ukoll dekorazzjonijiet. Is-Sa. Attard qalet li ser ikunu qed jużaw is-sala tal-kunsill biex iħejju l-affarijiet għal din attività. Kien hemm qbil unanimu.

**05/04/14** Is-Sa. Attard staqsiet jekk hux possibbli li membri tal-kunsill ikollhom aċċess għal *generic mailbox*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi u l-ħaddiema klerikali biss jista' jkollhom aċċess, imma min-naħa tagħha dejjem tibgħatilhom l-ittri-e li nirċievu. Barra minn hekk, is-Sa. Attard staqsiet jekk il-membri tal-kunsill ikollhom aċċess għal *Facebook page* tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jista' jkollhom aċċess għal Facebook page.

**05/04/15** Is-Sa. Attard staqsiet jekk hux possibbli li s-Sotto Kumitati jkollhom *petty cash box*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux possibbli.

**05/04/16** Is-Sur Fenech ressaq li jsir *dog bin* fi Triq in-Naxxar k/m Triq l-Isqof Gaffiero. Kien hemm qbil unanimu.

**05/04/17** Is-Sur Fenech ressaq li l-kunsilliera jkollhom kopja tal-Kapitolu 363 – Att dwar Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħatilhom kopja elettronika.

**05/04/18** Is-Sur Fenech saqsa dwar il-magna tal-BCRS. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-magna tneħħiet mix-Xwieki minħabba l-permess tal-bini. Il-Kunsill qabel li ssir fi Triq Għaxqet l-Għajn l-isfel mill-Madonna tal-Ġebla l-Kbira.

**05/04/19** Is-Sur Fenech qal li ġie xi ħadd jagħmel permess u dan kellu jġib warden filwaqt li nħareġ permess ieħor fi Triq San Ġwann k/m Triq Stiefnu Zerafa mingħajr warden. Is-Sindku qalet li rridu naraw ġiex jagħmel permess u għal xiex applika eżatt. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekkja.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**05/04/20** Is-Sa. Meli ppproponiet li *bring-in-site* u l-kontenitur fejn jarmu l-ħwejjeġ jiġu ħdejn tal-BCRS. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/04/21** Is-Sur Fenech saqsa jekk il-minuti għadhomx jiġux *binded.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dejjem ġew *binded.*

**05/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**05/05/01** Fuq it-talba għal bozza ġdida fi Triq Santa Katerina. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob lir-residenta tipprovdi ritratt.

**05/05/02** Fuq it-talba għal *zebra crossing* oħra fi Triq Caravaggio. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà saret talba ma' Transport Malta.

**05/05/03** Fuq it-talba għal iktar lampi fi Triq Caravaggio. Is-Sindku qalet li jridu jaċċettaw ir-residenti.

**05/05/04** Fuq it-talba għal *rubber* mal-faċċata tar-residenza tagħha. Kien hemm qbil li ssir *site visit*.

**05/05/05** Fuq l-ilment li hemm bżonn iktar infurzar fi Triq San Ġwann u fi Triq Santa Katerina minħabba sewqan bl-addoċċ. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lil LESA.

**05/05/06** Fuq l-ilment li wieħed mill-pilastri tal-monument tal-pjazza miksur. Kien hemm qbil li jittranġa. Is-Sa. Meli resqet li hemm bżonn isir manutenzjoni tal-arblu u titpoġġa bandiera ġdida. Barra minn hekk, issuġġeriet li npoġġu qasrija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/05/07** Fuq it-talba għal żewġ MC Bays fi Triq Dun K. Fenech. Kien hemm qbil li ssir *site visit*.

**05/05/08** Fuq it-talba għal tabella fuq arblu 'Tarmix Żibel Hawn' fi Triq G. Cali'. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/05/09** Fuq is-suġġeriment tal-*'Greenest Balcony – Village Competition'*. Ġie deċiż li jsir kuntatt ma' dan ir-resident.

**05/05/10** Fuq ilment dwar ipparkjar illegali ta' vannijiet u vetturi fi Triq Mattia Preti. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lill-Pulizija u ser tapplika ma' Transport Malta biex isir *double yellow line*.

**05/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 11 ta' Settembru 2024).

**05/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 18 ta' Settembru 2024).

**05/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 2 ta' Ottubru 2024).

**05/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 9 ta' Ottubru 2024).

**05/05/15** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 16 ta' Ottubru 2024).

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**05/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Fortunato Bonnici – Malta Military Wireless Radio Museum.

**05/05/17** Ġiet innutata stima mingħand Micamed Ltd – Solar LED Light.

**05/05/18** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders Only in Triq San Bartilmew. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġie approvat.

**05/05/19** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Meli – Proposta.

**05/05/20** Ġiet innutata Ċir AKL 2024/056 – Vjal Kulħadd – Opportunità biex jibda jiġi implimentat il-proġett 'slow streets'.

**05/05/21** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 11444 – Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Parkeġġ Riservat Personalizzat fi Triq Caravaggio ma ġiex approvat.

**05/05/22** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq id-Dejqa.

**05/05/23** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 11742 – Ġie approvat 1.5 Keep Clear Bay fi Vjal ir-Repubblika.

**05/05/24** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref No: 24/TMD/24/04 – Line Markings – Sqaq ta' Ċint il-Wiesgħa k/m Triq l-Indipendenza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġie approvat.

**05/05/25** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref No: 24/TMD/24/08 – Reserved Parking fi Triq il-Kbira għac-*charging point*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma ġiex approvat.

**05/05/26** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref No: 24/TMD/24/07 – Traffic Lights ta' Triq Santa Katerina. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbuna nissottomettu *vehicle counts*.

**05/05/27** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders Only in Triq Caravaggio. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġie approvat.

**05/05/28** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Meli – Punti Laqgħa Ottubru.

**05/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**05/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**05/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**05/07/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:50p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2024 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |